

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Diċembru 2010

dwar l-importazzjoni ta' oġġetti bla dazju maħsuba biex jitqassmu jew biex ikunu disponibbli mingħajr ħlas għall-vittmi tal-għarar li seħħ fir-Rebbiegħa tal-2010 fl-Ungerija

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 8482)

(It-test bl-Ungeriż biss huwa awtentiku)

(2010/760/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 76 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talba tat-2 ta' Ġunju 2010 magħmula mill-Gvern tal-Ungerija, għall-importazzjoni bla dazju ta' oġġetti maħsuba biex ikunu disponibbli mingħajr ħlas għall-vittmi tal-għarar li seħħ fir-Rebbiegħa tal-2010 fl-Ungerija,

Billi:

- (1) L-għarar jikkostitwixxi diżastru skont it-tifsira tal-Kapitolu XVII C tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009; billi, konsegwentament hemm raġuni għall-awtorizzazzjoni tal-importazzjoni ta' oġġetti bla dazju li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 74 sa 80 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 msemmi hawn fuq.
- (2) Sabiex il-Kummissjoni tkun infurmata kif xieraq dwar l-użu tal-oġġetti ammessi bla dazju, il-Gvern tal-Ungerija għandu jikkomunika l-miżuri meħuda sabiex jipprevjeni li dawn l-oġġetti impurtati bla dazju jiġu użati b'mod differenti mill-użu stabbilit.
- (3) Il-Kummissjoni għandha tkun infurmata wkoll dwar il-livell u n-natura tal-importazzjonijiet li jkunu saru.
- (4) L-Istati Membri l-oħra ġew ikkonsultati kif stabbilit fl-Artikolu 76 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-oġġetti impurtati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa mill-entitajiet tal-Istat jew l-organizzazzjonijiet approvati mill-awtoritajiet Ungeriżi kompetenti bl-iskop li huma jqassmuhom mingħajr ħlas lill-vittmi tal-għarar li seħħ fir-Rebbiegħa tal-2010 fl-Ungerija, jew li jkunu disponibbli għalihom mingħajr ħlas

filwaqt li jibqgħu l-proprjetà tal-organizzazzjonijiet ikkonċernati, għandhom ikunu ammessi bla dazji fuq l-importazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009.

2. L-oġġetti impurtati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa minn aġenziji ta' assistenza sabiex jilhqgħu l-ħtiġijiet tagħhom matul il-perjodu tal-attività tagħhom għandhom ukoll ikunu ammessi bla dazju.

Artikolu 2

Il-Gvern tal-Ungerija għandu jikkomunika lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2011, il-lista tal-organizzazzjonijiet approvati msemmija fl-Artikolu 1(1).

Artikolu 3

Il-Gvern tal-Ungerija għandu jikkomunika lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2011, skont kategorija wiesgħa ta' prodotti, l-informazzjoni kollha relatata man-natura u l-kwantitajiet ta' diversi oġġetti ammessi bla dazju f'konformità mal-Artikolu 1.

Artikolu 4

Il-Gvern tal-Ungerija għandu jinforma lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2011, bil-miżuri li qed jieħu sabiex jiżgura li l-Artikoli 78, 79 u 80 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009 qed jiġu rrispettati.

Artikolu 5

L-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni għandu japplika għall-importazzjonijiet li jsiru fl-1 ta' Mejju 2010 jew wara, u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2010.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2010.

Għall-Kummissjoni

Algirdas ŠEMETA

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23.